# ZoS

Żvilupp Sostenibbli … żewġ kelmiet li xbajna nisimgħu bihom, iżda li fil-kuntest taż-żminijiet li qed ngħixu fihom, tant għandhom relevanza. Żgur li tista' tgħid li kulħadd sema' bil-kriżi li qegħda fiha d-dinja kollha fejn jidħlu l-ekonomija u l-finanzi: banek u kumpaniji kbar jikkrollaw jew iżommu permezz ta' sussidji qawwija mill-gvernijiet nazzjonali. Il-kriżi ta' bħalissa hi waħda li għeżżet il-pedamenti nfushom li fuqhom kienet qed isserraħ l-ekonomija tal-maġġoranza tal-pajjiżi tad-dinja.

X'inhi t-tweġiba tal-Unjoni Ewropea għal din is-sitwazzjoni ta' kriżi? F'Diċembru tas-sena l-oħra, il-mexxejja tal-pajjiżi membri tal-UE addottaw Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku biex jindirizza l-isfidi tal-kriżi dinjija. Il-Pjan hu mmirat biex ir-rota tal-ekonomija Ewropea terġa' tibda ddur.

L-iżvilupp sostenibbli hu kunċett li sar iktar relevanti minħabba l-kriżi preżenti. Iħares lejn l-iżvilupp bħala mezz kif itejjeb l-għixien tal-bnedmin filwaqt li jippreżerva l-wirt ambjentali sabiex dawn il-bżonnijiet jintlaħqu mhux biss illum iżda wkoll għal ġenerazzjonijiet futuri. Il-kriżi ta' bħalissa wriet li n-nuqqas ta' kontroll jew ta' regolamentazzjoni jwassal għall-kollass tas-sistema ekonomika u finanzjarja.

Normalment, bi żvilupp sostenibbli wieħed jifhem tliet affarijiet: sostenibilità ambjentali, sostenibilità ekonomika u sostenibilità politika u soċjali.

Dawn it-temi se jiġu ttrattati f'konferenza ta' tliet ijiem li l-MEUSAC se jorganizza f'Malta bejn it-13 u l-15 ta' Mejju li ġej bit-tema: *Zooming on Sustainability*. Il-Konferenza, li se tkun ko-finanzjata mid-Direttorat Ġenerali Edukazzjoni u Kultura tal-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm *Europe for Citizens*, se tiġbor mal-150 parteċipant minn 7 pajjiżi Ewropej, fosthom 91 kunsilliera lokali Maltin, biex jaqsmu bejniethom ideat, riċerka u prattiċi tajba dwar is-sostenibilità.

Il-konferenza se toffri wkoll possibiltà biex il-parteċipanti jitkellmu dwar diversi temi prattiċi filwaqt li jsaħħu r-relazzjonijiet li jeżistu bejn l-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin u dawk ġemellati magħhom. Id-diskussjonijiet matul il-konferenza se jiffukaw fuq l-iżvilupp sostenibbli u t-twettiq ta' ċittadinanza attiva b'referenza partikolari għall-oqsma tal-ambjent, il-kultura, l-ekonomija u l-qasam soċjali.

Fi kliem il-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Durão Barroso, il-prinċipju fundamentali tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku huwa s-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali. Għalhekk, hu meħtieġ li l-gvernijiet u l-istituzzjonijiet Ewropej "juru li huma sensittivi għall-ħtiġijiet tal-familji u l-komunitajiet madwar l-Unjoni Ewropea". Ir-rwol tal-kunsilli lokali hu vitali biex iwassal dawn il-ħtiġijiet lill-gvernijiet nazzjonali u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex kull riforma li titwettaq tindirizza tassew il-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini Ewropej, fosthom dawk li jgħixu fit-68 lokalità f'Malta u Għawdex.

Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*